# DISKORS OTTUBRU 2015

Bħas-snin ta’ qabel, regolarment fl-1 ta’ Ottubru ta’ kull sena, ninġabru f’din l-akbar Awla tal-Qrati tagħna sabiex nirriflettu ftit fuq is-sena ta’ qabel sabiex nagħmlu kuragg fejn naraw li mxejna ‘l quddiem, nġeddu d-determinazzjoni tagħna sabiex nagħmlu iżjed u aħjar fejn naraw li ma għamilniex progress biżżejjed jew morna lura, u nfittxu soluzzjonijiet għall-problemi li nirrinfaċċjaw.

**Vakanzi u ħatriet**

Minn sena ghall-oħra naraw li jkun hemm ċaqlieq fost il-kompożizzjoni tal-Ġudikatura fejn naraw uħud li jħalluna waqt li oħrajn jissostitwuhom. Matul din is-sena rtira l-Imħallef Michael Mallia u ingħaqdu magħna l-Imhallfin Giovanni Grixti u Miriam Hayman li, iżda, kienu ilhom iservu bħala Maġistrati, l-Imħallef Grixti mill-1996 u l-Imħallef Hayman sentejn warajh. Wara perjodu qasir ta’ familjarizzazzjoni mad-doveri ġodda tagħhom huma malajr meddew idejhom għax-xogħol.

Jien minn hawn insellem lill-Imħallef Michael Mallia li ċertament kellu l-kapaċità jagħti snin oħra ta’ servizz fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja iżda dan ma setax jagħmlu minħabba li laħaq l-età massima tal-irtirar. Huwa ħassra, mhux biss għall-Istat iżda wkoll għall-pubbliku, li l-Ġudikatura titlef qabel il-waqt minn fostha membri li jkunu akkwistaw esperjenza twila fil-qasam tal-

ġustizzja u li jkunu servew denjament. Mhux faċli li timla' l-vojt li jħalli ġudikant anzjan.

Kellna wkoll in-nomina ta' żewġ Maġistrati ġodda, l-Maġistrat Joseph Mifsud u l-Maġistrat Monica Vella, li nsellmilhom ukoll, u dawn ukoll daħlu għax-xogħol b'ruħhom u ġisimhom, u f'qasir żmien bdew anki jagħtu s-sentenzi. Napprezza l-isforz li għamlu biex malajr jingranaw fil-qadi tad-doveri ġodda tagħhom minkejja d-diffikultajiet.

Matul l-istess perjodu vvaka l-kariga wkoll il-Magistrat Carol Peralta u għalhekk nawspika li din il-vakanza ma ddumx ma timtela' sabiex ix-xoghol tiegħu jkun jista' jiġi riassenjat mingħajr aktar skossi lill-Maġistrati l-oħra.

Tistgħu forsi taħsbu li l-Ġudikatura marret tajjeb għaliex minnflok Imħallef wieħed saru tnejn iżda wieħed ma jridx jinsa li l-Imħallef Mallia, li kien ipoġġi fl-Awla Kriminali, rtira fl-aħħar ta' Marzu 2015 mentri l-Imħallfin ġodda ħadu l-ġurament fil-5 ta' Ġunju 2015, xahrejn wara. Fil-frattemp il-kawżi ma jieqfux jidħlu. Wieħed ma jridx jinsa li ftit xhur qabel kien irtira wkoll l-Imħallef Quintano li wkoll kien jaħdem fl-Awla Kriminali. Nisħaq fuq il-fatt, kif x'aktarx ġia kelli l-okkażżjoni nsemmi, li dan id-dewmien fil-mili ta' vakanzi invarjabilment jiġġenera ftit ta' diżorjentament għaliex jew ikun meħtieġ ridistribuzzoni tax-xoghol, bil-problemi kemm legali kif ukoll loġistiċi li dan joħloq, jew ix-xogħol li qabel kien imiss lill-ġudikant li jirtira jkollu jistenna fuq l-ixkaffa sakemm jigi appuntat ġudikant ġdid, bid-dewmien u frustrazzjoni li dan jikkaġuna lill-partijiet u lill-avukati. Għal darb'oħra nappella sabiex safejn ikun

possibbli wieħed jaħseb minn qabel għan-nomina ta' ġudikanti biex jissostitwixxu lil dawk li jkunu ser jirtiraw. Naf li dan qiegħed isir iżda forsi jista' jsir aktar.

B'danakollu, mhux dejjem wieħed jista' jantiċipa minn qabel l-intoppi li jinħolqu: bħal meta jmut xi ġudikant fil-kariga, jew meta ġudikant jimrad fit-tul, jew meta jinqalgħu ċirkostanzi mhux previsti li minħabba fihom ġudikant ma jkunx jista' aktar jaqdi d-doveri tieghu.

Dawn huma kollha problemi li l-Ġudikatura kellha ripetutament tirrinfaċċja f'dawn l-aħħar snin fejn ġudikant li ma jkunx qiegħed jiffunzjona, jew minhabba mard jew għal raġunijiet oħra, ma jistax jiġi sostitwit għaliex ma tkunx inħolqot vakanza. F'ċirkostanzi bħal dawn jien kelli nuża s-setgħat li tagħtini l-liġi billi nipprova nirrimedja xi ftit is-sitwazzjoni billi nirridistribwixxi x-xoghol bejn il-kumplament tal-ġudikanti. Din ma hix is-soluzzjoni ideali għaliex naturalment ikun ifisser żieda f'daqqa waħda fil-volum tax-xogħol tagħhom u allura inevitabbilment komplessivament jirrallenta x-xoghol, iżda tal-anqas il-kawżi ma jistaġnawx għal kollox.

Dan qiegħed ngħidu għaliex nemmen li jekk il-volum tax-xogħol jiġi distribwit bejn aktar Imħallfin allura dawn it-tip ta' problemi inaspettati joħolqu disaġju ferm inqas u jkunu ferm inqas kaġun ta' strappi u sulluzzi fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja u jkollhom tendenza inqas li jiġġeneraw backlog ta' kawżi.

**Żieda fin-numru ta' Imħallfin**

Barra minn dan, il-volum ta' xogħol fil-Qorti tal-Familja qiegħed dejjem jiżdied u qiegħed ukoll dejjem jikber in-numru ta' kawżi pendenti. Għalhekk jidher li għandu jiżdied Imħallef ieħor f'din il-Qorti sabiex ikun jista' jiġi indirizzat dan il-*backlog* f'dawn it-tip ta' kawżi delikati fejn l-emozzjonijiet jiħraxu u l-impatt fuq il-partijiet, inklużi l-ulied, biż-żmien isir dejjem aktar distruttiv. Bin-numru preżenti ta' Imħallfin ikun kontroproduttiv li jiċċaqlaq xi Imħallef minn xi Qorti oħra għaliex b'hekk noħolqu ferita band'oħra.

Inżid li jien informat li qed tiġi mistħarrġa l-possibilità li jkun hemm Qorti speċjalizzata dedikata għal kawżi ta' insolvenza. Jekk dan iseħħ jista' jkun suffiċjenti li l-materja partikolari tiġi assenjata bħala materja speċjalizzata lil xi wieħed mill-Imħallfin ġia in kariga u b'hekk ma jiġix eskluż li jkun jista' jiġi assenjat lilu xogħol ieħor skont il-ħtieġa. Jekk wara l-verfiki opportuni, iżda, jiġi deċiż li hi meħtieġa Qorti interament dedikata għal din ix-xorta ta' kawżi allura jkun meħtieġ li jiżdied Imħallef biex ikun jista' jiġi dedikat għal din il-Qorti speċjalment jekk jiġu stabbiliti termini perentorji. Dan ghaliex il-volum u l-varjetà tax-xogħol li ġià hu assenjat bejn l-Imħallfin ma jippermettix li jitnaqqas wieħed minnhom biex jiddedika ruħu għal materja waħda speċjalizzata mingħajr ma tonqos il-prestazzjoni fil-materji l-oħra.

Qiegħed nindika dan kollu għaliex in-numru sħiħ tal-Imħallfin hu maħsub li jkun ta' 25 skont l-aħħar Avviż Legal iżda fil-preżent in-numru huwa 22 li jinkludi Imħallef li qiegħed iservi barra minn Malta. Għalhekk għandi naħseb li ġia teżisti l-konsapevolezza li n-numru ta' Imħallfin jeħtieġ li jiżdied u dak li għadni kemm għidt għidtu sabiex nuri li dawn it-tlett Imħallfin oħra maħsuba

huma neċessarja mhux biss sabiex il-Ġudikatura tkun tista' taħdem aħjar iżda iżjed u iżjed sabiex tipprovdi għal strutturi jew żviluppi ġodda li jidher li jista' jkun hemm. U dawn l-Imħallfin huma neċessarja issa u mhux minn hawn u sitt xhur oħra, jew sena oħra, jekk irridu naġixxu tempestivament.

Nerġa nfakkar li l-Ġudikatura f'Malta ġia ilha s-snin twal taħdem b'numru ta' Imħallfin li ras ghal ras tal-popolazzjoni jammontaw għal inqas minn nofs il-medja tan-numru ta' Imħallfin fl-Isati Membri tal-Unjoni. Mhux tal-anqas nilħqu l-medja, jew kemmxejn inqas, iżda anqas nilħqu nofs il-medja. Dan il-fatt ta' spiss jintesa meta l-prestazzjoni tal-Ġudikatura Maltija tiġi komparata mal-prestazzjoni ta' Ġudikaturi oħrajn f'pajjiżi Ewropew oħra, mentri ma tistax tagħmel konfront ġust jekk ma tikkomparax ukoll il-mezzi għad-dispożizzjoni ta' dak li miegħu isir il-konfront.

**Titjib**

Irid ngħid ukoll li b'riżultat tal-isforzi li saru mill-Ġudikatura, abbinati mal-interventi li ġia saru u qiegħdin isiru mill-Esekuttiv, is-sitwazzjoni ġia rreġistrat titjib notevoli fi żmien relattivament qasir.

Hekk naraw li bejn is-snin 2013 u 2014 kien hemm meljorament notevoli billi komplessivament qsar it-tul tal-proċeduri quddiem uħud mill-Qrati Superjuri u kien hemm ukoll titjib fir-rata ta' disponiment (*clearance rate*) tal-kawżi fil-qrati ċivili u fit-Tribunal Amministrattiv u fit-Tribunal ta' Talbiet Żgħar. In-numru ta' kawżi pendenti kemm fil-qrati ċivili kif ukoll f'dawk kriminali naqas u dan b'konsegwenza taż-żieda fir-rata li jiġu determinati l-kawżi. Din it-tendenza

jidher li kompliet anki matul din is-sena iżda naturalment mhux neċessarjament bl-istess mod quddiem kull qorti. L-interpretazzjoni tal-istatistika ma hix eżerċizzju faċli għaliex hemm ħafna fatturi u ċirkostanzi li jinċidu fuq dik l-interpretazzjoni li jridu kollha jittieħdu in kunsiderazzjoni sabiex dak li jkun ma jmurx imqarraq.

F'dan l-istadju nixtieq nuri l-apprezzament sinċier tiegħi għall-assistenza imprezzabbli li rċevejt u kontinwament nirċievi minn għand is-Sinjura Joanne Battistino, Officer in Grade 5 fil-Ministeru tal-Ġustizzja, li dejjem sibt l-għajnuna tagħha sabiex tgħini nifhem il-misteri tal-istatistika u sabiex tixprunani bl-ottimiżmu fejn ġieli ma narax ħlief dlam u trażżanli l-entużjażmu żejjed fejn nipperċepixxi ftit titjib. B'hekk iżżommni saqajja mal-art. Kemm-il darba skambjajna emails bejnietna, ħafna drabi tard bil-lejl, fejn jien nimliha b'domandi u hija bil-paċenzja kollha toqgħod tispjegali l-affarijiet b'diskors ċar u sempliċi li saħansitra anki jien nibda nifhem xi ħaġa fl-istatistika.

Dan ma jfissirx li solvejna l-problema u nistgħu nnaqsu mill-isforz. Xejn minn dan. Għad hemm xi qrati u tribunali li fihom ma rajniex titjieb, anzi jidher li kien hemm rigress. Da parti tiegħi ħadt xi interventi qabel is-sitwazzjoni taggrava b'ridistribuzzjoni tax-xogħol assenjat fil-qasam milqut jew billi waqqaft kawżi ġodda sakemm il-ġudikant konċernat jiddisponi mill-kawżi quddiemu. Iżda naturalment dawn l-interventi jistgħu jsiru biss fil-limiti tar-risorsi disponibbli u għalhekk mhux dejjem ikollhom ir-riżultat mixtieq. Naraw.

**Il-*backlog***

Bdanakollu, il-problema qofol jidher li hija l-*backlog* tal-kawżi. Is-sistema jidher li qed jirnexxilha tiġġestixxi biżżejjed tajjeb il-kawżi ġodda li jidħlu u qed jirnexxilha tiddisponi minn daqstant kawżi daqs kemm jidħlu ġodda u anki aktar. Is-sistema, iżda, ma hix jirnexxila b'rata suffiċjenti tiddisponi mill-*backlog* ta' kawżi li ilhom żmien twil pendenti.

Nemmen li sabiex jibda jitnaqqar dan il-backlog jeħtieġ injezzjoni ta' numru ta' Imħallfin b'żieda ma' dawk eżistenti li jiġu assenjati esklużżivament biex jiddisponu minn dawn il-kawżi. Dan il-metodu intuża ġia b'suċċess rigward numru ta' kawżi li kienu ilhom żmien twil jistennew sentenza u fil-fehma tiegħi għandu jaħdem ukoll hawnhekk. Naturalment tqum id-domanda x'ser isir minn dawn l-Imħallfin darba li jiġi eliminat il-*backlog*. Iżda fil-fehma tiegħi jistgħu jiġu studjati diversi miżuri ta' kif dan il-għan ikun jista' jintlaħaq mingħajr ma s-sistema tispiċċa b'numru ta' Imħallfin aktar milli għandha bżonn. Ma hux il-każ li hawn nidħol fid-dettal dwar x'jistghu jkunu dawn il-miżuri, bħal li jiġu appuntati numru ta' Imħallfin ġodda minn fost avukati anzjani li jkunu ftit ta' snin iżgħar mill-età ta' rtirar, jew li jiġġedded iż-żmien lil Imħallfin li jkunu waslu biex jirtiraw sabiex dawn ikunu jistgħu jiddisponu mill-kawżi l-aktar antiki, jew sabiex jiddeċiedu kawżi li jkunu fi stadju matur għas-sentenza. Il-fatt jibqa' li jeħtieġ li jittieħdu miżuri idoneji sabiex jiġi eliminat il-*backlog* għaliex altrimenti ma aħniex ser ikollna r-riżultati li kulħadd jixtieq.

**Il-*Court Attorneys***

Miżura li kulħadd jawspika li għandha tikkontribwixxi biex jitnaqqas id-dewmien hija l-introduzzjoni tal-kariga ta' *court attorney*. Ma inhix ċert kif spiċċajna nagħżlu din in-nomenklatura Ingliża u nittama li ma għandhiex tkun xi ħaġa daqshekk diffiċli li nsibu frażi Malti biex niddeskrivu din il-kariga.

Iżda ejja nmorru għas-sustanza. L-għan huwa li dawn l-avukati jkunu prinċipalment assenjati sabiex jiktbu abbozzi ta' sentenzi għall-kunsiderazzjoni tal-ġudikant jew ġudikanti li jridu jagħtu s-sentenza wara li dawn, naturalment, jistudjawha metikolożament, jemendawha fejn meħtieġ, jew addirittura jbiddluha għal kollox kif jidhrilhom xieraq. Bdanakollu, hu essenzjali li dawn l-avukati jkunu ta' kwalità u ta' preparazzjoni tali li l-prodott tagħhom ma jkunx jeħtieġ wisq tibdil għaliex jekk l-Imħallef li jkun jispiċċa jrid jibda kollox mill-ġdid allura jintilef l-iskop li għalih dawn l-avukati sejrin jiġu ngaġġati. B'hekk hu maħsub li l-kawżi jkunu jistgħu jitwasslu ferm qabel għall-istadju tas-sentenza u allura l-kawża tkun tista' tinqata' aktar malajr.

Iżda anki f'dan ir-rigward trid tingħata attenzjoni sabiex ma nispiċċawx b'kumulu ta' numru kbir ta' abbozzi ta' sentenzi li l-ġudikant ma jkollux żmien biżżejjed sabiex jeżaminhom, jirrakkomanda t-tibdil li jista' jidhirlu meħtieġ u, fil-każ ta' qrati kolleġġjali bħall-Qorti tal-Appell, jissir id-deliberazzjoni kolleġjali dwarhom.

Hemm miżuri li wieħed jista' jikkunsidra li jittieħdu, tal-anqas fi stadju ta' appell, sabiex jitnaqqas it-tul ta' żmien sabiex il-kawża titwassal għas-sentenza u sabiex l-Imħallfin ikollhom żmien biżżejjed jeżaminaw u

jiddeliberaw dwar in-numru akbar ta' sentenzi li jiġu abbozzati. Hekk, per eżempju, ma hix l-ewwel darba li appell ikun ilu jistenna sabiex jiġi appuntat biex imbgħad, meta tasal il-ġurnata, l-partijiet permezz tal-avukati tagħhom jaqblu li l-appell ikun jista' jitħalla għas-sentenza mingħajr trattazzjoni orali. Dan ifisser li dak il-perjodu ta' stennija ma kienx hemm bżonnu u s-sentenza setgħet bdiet tinkiteb appena daħal l-appell. Inoltre, hija l-esperjenza komuni tal-Imħallfin li jippresjedu fl-appell li, wara li appell ikun ilu żmien jistenna t-turn tiegħu, appena jasal l-appuntament it-trattazzjoni tkun tikkonsisti biss f'ripetizzjoni tal-istess sottomissjonijiet bil-miktub li jkunu ġià saru isfel jew fir-rikors tal-appell u fir-risposta. Dan it-trapass ta' żmien inutili jista' wkoll jiġi evitat jekk fi żmien bikri li jidħol l-appell il-partijiet b'nota jaqblu li ma hemmx ħtieġa ta' trattazzjoni orali u li l-Qorti tista' tgħaddi għas-sentenza. Fejn il-partijiet ma jaqblux, hu l-każ li tiġi kunsidrata l-possibilità li l-partijiet li jkunu jixtiequ trattazzjoni orali jkunu jridu jagħmlu fi żmien stabbilit talba li fiha jesprimu x-xewqa tagħhom u jagħtu r-raġunijiet għaliex tali trattazzjoni orali hi neċessarja. Jekk il-Qorti ma tkunx persważa min-neċessità ta' tali trattazzjoni allura tkun tista' tiċħad it-talba u tgħaddi għas-sentenza. B'hekk inqas ħin jintuża għal trattazzjonijiet repetittivi u jkun hemm aktar żmien għall-eżami, deliberazzjoni u kitba ta' sentenzi.

**Taħriġ**

Nagħlaq billi fil-qosor nindirizza xi ftit it-taħriġ tal-ġudikatura. Dan irrid nagħmlu partikolarment sabiex nieħu din l-okkazzjoni sabiex insellem lill-Imħallef Joseph David Camilleri li, wara snin twal bħala Chairman tal-Judicial Studies

Committee, iddeċieda li ma jitlobx li jiġi konfermat fil-kariga. L-Imħallef Camilleri kien pijunier fil-qasam ta' taħriġ tal-Ġudikatura Maltija u bil-ftit risorsi umani, finanzjarji u materjali li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rnexxilu jorganizza diversi seminars u laqgħat ta' taħriġ għall-Gudikatura anki bil-parteċipazzjoni ta' esperti barranin. Ta' dan is-servizz twil u ta' valur kbir jien personalment u għan-nom tal-Ġudikatura nirringrazzjah.

Matul din is-sena wkoll già saru numru ta' laqgħat ta' taħriġ għall-Ġudikatura fuq suġġetti varji, hemm oħrajn ippjanati għal matul din is-sena u programm ġia programmat għas-sena ddieħla. Il-Judicial Studies Committee ffinanzja wkoll il-parteċipazzjoni ta' numru sostanzjali ta' ġudikanti f'diversi attivitajiet ta' taħriġ bi ħlas organizzati minn ħaddiehor u barra minn hekk ħa ħsieb il-parteċipazzjoni ta' membri tal-ġudikatura f'attivitajiet ta' taħriġ barra minn Malta organizzati taħt l-awspiċi tal-Unjoni Ewropea. L-ippjanar qiegħed isir dejjem aktar fit-tul biex b'hekk il-ġudikanti jkunu jistgħu jiskedaw is-seduti b'mod li jassiguraw li dawn ma jikkozzawx ma' xi attività ta' taħriġ iżda dan ma jkunx dejjem possibbli speċjalment meta jkun hemm preavviż qasir wisq minn naħa tal-organizzaturi u allura f'dawn iċ-ċirkostanzi jista' jkun li seduta jkollha tiġi differita għal data oħra sabiex il-ġudikant ikun jista' jattendi.

Hawn ukoll id-diffikultajiet ma jonqsux, daqqa minħabba nuqqas ta' fondi, daqqa minħabba nuqqas ta' preavviz suffiċjenti, daqqa għaliex il-ġudikant konċernat fl-aħħar mument jirtira mill-impenn tiegħu li jattendi, daqqa minħabba li ma ssibx ġudikant disponibbli dovut għall-impenji ġudizzjarji f'Malta u daqqa għal raġunijiet oħra.

U hawnhekk nixtieq nieħu l-okkażżjoni sabiex nuri l-apprezzament tiegħi ukoll lejn Dr. Danielle Pace Grima, li ilha għal xi żmien tagħti s-servizzi tagħha bħala training administrator mal-Qrati u li għolliet konsiderevolment il-livell tal-kwalità tal-attivitajiet ta' taħriġ u li x-xogħol tagħha ta' appoġġ u sostenn jiswa mitqlu deheb.

**Kelma dwar il-mod tal-ħatra tal-ġudikanti.**

Mhux għaliex ma nixtieqx ngħid iżjed, iżda għaliex jeħtieġ li nibda biex nagħlaq.

Naqbel miegħek Sur Avukat li wasal iż-żmien li tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-metodu tal-ħatra ta' ġudikanti ġodda. Is-sistema preżenti ma hix ben vista fl-Ewropa għaliex hi meqjusa bħala waħda nieqsa mit-trasparenza neċessarja u li fiha l-Esekuttiv hu suprem. Ma rridx niftiehem ħażin. Li l-ħatra eventwalment issir mill-Esekuttiv ma narahiex xi ħaġa fiha nfisha negattiva għaliex nemmen li b'hekk il-ħatra ta' ġudikant tingħata grad ta' leġittimità demokratika. Iżda ma narax għaliex ma għandniex nersqu lejn aktar trasparenza. Wara kollox f'dan is-sens kienet ukoll ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għar-Riforma fejn in-nomina tibqa' ssir finalment mill-Esekuttiv iżda fil-proċess jiddaħħal element ta' trasparenza akbar bl-intervent ta' awtorità independenti (li ma narax għaliex ma għandhiex tkun il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja) tagħti r-rakkomandazzjonijiet tagħha. Ma narax li sistema bħal din għandha tkun diffiċli li tiġi implimentata.

Wieħed irid joqgħod attent, iżda, li l-mekkaniżmu ġdid ma jdewwimx il-mili ta' vakanzi li jinħolqu fi ħdan il-Ġudikatura. Jidhirli li l-Kummissjoni rrakkomandat li l-proċess jibda xi sentejn qabel tinħoloq il-vakanza u dan naħseb ikun għaqli.

Għal llum ser nieqaf hawn. Ippermettuli intemm id-diskors tiegħi billi nirringrazzja lil dawk li huma l-pedament tal-edifiċċju tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja li mingħajrhom il-Ġudikatura ma tistax tiffunzjona. Qieghed nirreferi għal dawk li nsejħilhom il-kollaboraturi tal-ġustizzja li hu l-istaff kollu tal-Amministrazzjoni tal-Qrati. Nixtieq nsemmihom wieħed wieħed iżda n-numru hu kbir wisq biex nkun nista' nagħmel dan u nibża li nħalli lil xi ħadd barra u għalhekk nillimita ruhi li nirringrazzjhom minn qalbi ta' kull ma jagħmlu magħna u tal-paċenzja kbira li jieħdu bina. Nassigurakom li inthom apprezzati u għandkom il-gratitudini tagħna lkoll.

Ma rridx ninsa ngħid kelma ta' apprezzament partikolari għall-istaff tal-Qrati f'Għawdex fejn jien nippresjedi fil-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri. Minn għandhom, miż-żgħir sal-kbir, dejjem sibt l-appoġġ kontinwu u fil-pront li jkolli bżonn. Grazzi lilkom.

U issa ma baqali xejn ħlief insellem lilkom ilkoll u nirringrazzjakom tal attendenza tagħkom. Il-kumplament tal-ġurnata t-tajba.

Uffiċċju tal-Prim Imħallef
1.10.2015